



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, id-9 ta' Diċembru 2020

### Il-kriżi tal-COVID-19 turriskja li tkabbar id-diskrepanza ekonomika bejn il-pajjiżi tal-UE

Skont il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), il-miżuri bikrin li ttieħdu mill-UE u mill-Istati Membri tagħha biex jiġi miġġieled l-impatt ekonomiku tal-COVID-19 għenu biex jiġu salvati l-impjegji u n-negozji. Madankollu, l-awdituri jqisu wkoll li hemm ir-riskju li l-impatt irregolari tal-pandemija fuq l-Istati Membri u l-kapaċitajiet differenti tagħhom biex jappoġġaw l-ekonomiji tagħhom jistgħu jservu biex titkabbar id-diskrepanza ekonomika bejniethom. Huma jqisu wkoll li r-rispons finanzjarju tal-UE attwalment propost għall-kriżi huwa opportunità biex jiġu promossi l-prijoritajiet tal-UE u biex issir riflessjoni dwar titjib fuq terminu twil sabiex tissaħħaħ il-koordinazzjoni ekonomika bejn l-Istati Membri. Fl-istess ħin, l-awdituri josservaw riskji u sfidi relatati mal-implimentazzjoni u mal-koordinazzjoni ta' dawn il-miżuri.

B'rispons għall-iskoss ekonomiku kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri adottaw firxa wiesgħa ta' miżuri fiskali biex jappoġġaw l-ekonomiji tagħhom. F'Lulju, il-valur tal-1 250 miżura kien ta' madwar EUR 3.5 triljun jew 27 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-EU-27. L-iskemi għaż-żamma tal-impjegji u l-appoġġ ta' likwidità kienu jikkostitwixxu ħafna mill-miżuri, li sa issa fil-biċċa l-kbira mmitigaw is-sensji. Madankollu, dawn il-miżuri fiskali nazzjonali se jżidu konsiderevolment id-defiċits baġitarji tal-pajjiżi u l-livelli tad-dejn pubbliku. Barra minn hekk, id-daqs u l-kompożizzjoni tagħhom jirriflettu l-ġid relattiv tal-Istati Membri, aktar milli kemm dawn intlaqtu ħażin mill-kriżi. L-awdituri jwissu wkoll dwar ir-riskji ta' diverġenza ekonomika u ta' distorsjonijiet fil-kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri.

*"Il-miżuri ta' rispons għall-kriżi li ttieħdu mill-Istati Membri salvaw l-impjegji u n-negozji, iżda inevitabbilment se jwasslu għal żieda fid-defiċits baġitarji. Aħna nqisu li hemm riskju li dan se jillimita l-konverġenza ekonomika fis-snin li ġejjin,"* qalet Ildikó Gáll-Pelcz, il-Membru tal-QEA responsabbli għar-rapport analitiku. *"Ir-ritorn għar-regoli fiskali attwali jew it-tfassil ta' regoli ġodda mingħajr ma jiġu mfixkla l-irkupri ta' wara l-pandemija jew is-sostenibbiltà tad-dejn se jirrappreżentaw sfida għall-governanza tal-UE."*

L-UE rreaġiet billi implimentat rapidament koordinazzjoni ekonomika flessibbli. Dan ippermetta li l-Istati Membri jtaffu l-kriżi ekonomika emerġenti permezz ta' stimoli fiskali, għajna mill-Istat

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport analitiku maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport analitiku sħiħ huwa disponibbli fuq [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu).*

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu)

temporanja u limiti massimi baġitarji sospiżi (il-“klawżola liberatorja”). L-UE mmobilizzat ukoll il-fondi disponibbli u ħolqot xbieki ta' sikurezza ġodda għan-negozji, il-gvernijiet u l-impjegati. Madankollu, ma kienx hemm żborżi kbar sa tmiem Awwissu 2020.

Barra minn hekk, f'Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew laħaq qbil dwar il-programm Next Generation EU, b'valur ta' EUR 750 biljun, biex jappoġġa r-ritorn għal irkupru sostenibbli u reżiljenti. Flimkien mal-baġit ta' seba' snin li jmiss tiegħu, l-appoġġ finanzjarju tal-UE għaldaqstant se jammonta għal EUR 1.8 triljun. Madankollu, l-awdituri jwissu li ma hemm l-ebda garanzija li dawn il-miżuri se jagħtu spinta lit-tkabbir sostenibbli u se jżidu l-konverġenza bejn l-Istati Membri. L-effettività tal-appoġġ se tiddependi b'mod kruċjali minn kemm huwa jindirizza tajjeb l-impatt reali tal-kriżi u jżid il-kapaċità tal-Istati Membri biex jappoġġaw l-ekonomiji proprji tagħhom u jimplimentaw miżuri ġodda b'mod adegwat.

### **Informazzjoni ġenerali**

Il-PDG tal-EU-27 huwa mbassar li jonqos b'7.4 % fl-2020 u jista' ma jerġax lura għal-livell ta' qabel il-kriżi fl-2021. Dan jirriskja li jżid b'mod sinifikanti l-insolvenzi u t-telf ta' impjegati. Fl-2020, huwa probabbli li kważi l-ebda wieħed mis-27 Stat Membru mhu se jibqa' fi ħdan il-limitu tad-defiċit ta' 3 % tal-PDG stabbilit mill-UE.

Illum, il-QEA ppubblikat ir-Rapport Analitiku Nru 6/20 *“Riskji, sfidi u opportunitajiet fir-rispons tal-politika ekonomika tal-UE għall-kriżi tal-COVID-19”*, li attwalment huwa disponibbli bl-Ingliż fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu); lingwi oħra se jkunu disponibbli fi żmien debit. F'Jannar 2021, hija se tippubblika rapport analitiku dwar ir-rispons li l-UE tat fil-livell tas-saħħa pubblika għall-COVID-19. Il-QEA ddeċidiet li tniedi ż-żewġ rapporti analitiċi fir-rebbiegħa tal-2020, ftit wara t-tifqigħa tal-pandemija.

*Kuntatt għall-istampa: Damijan Fišer [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) - M: (+352) 621552224*